# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Annwali

L-Erbgħa 28 ta' Diċembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Birżebbuġa sejjaħ il-laqgħa annwali tal-Lokalita' li nżammet fis-Sala tal-Komunita, li tinsab fl-indirizz Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (4) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

# 1 Indirizz ta' Merħba;

1.1. Is-Sindku JC ta merħba lill-pubbliku preżenti u rringrazzjahom talli għoġobhom jattendu. Is-Sindku żied jgħid li juri d-dispjaċir tiegħu li l-attendenza dejjem tkun baxxa. Huwa spjega li l-għan ta' din il-laqgħa hija sabiex il-Kunsill jinforma lill-pubbliku bix-xogħol li jkun sar matul is-sena, iressaq abbozz tal-estimi annwali għas-sena li ġejja, u jilqa' suġġerimenti tal-pubbliku, u għaldaqstant hija ħasra li l-pubbliku ma jipparteċipax.

# 2 Rapport ta' Hidma tal-Kunsill għas-Sena 2016

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport li jelenka l-ħidma tal-Kunsill matul is-sena 2016, (Anness Dok A)

# 3 Interventi mill-Pubbliku

3.1. Is-Sindku talab għal kummenti tal-Pubbliku fuq ir-rapport ippreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.1.1. Is-Sur Kevin Barun staqsa fuq il-progress imsemmi tal- Skatepark u tal-bandli inklussiv.

3.1.1.1. Is-Sindku JC informa li fir-rigward tal-iskatepark, diġa' inġabu €60,000, u għalhekk baqa l-aħħar €40,000.

3.1.1.2. Is-Sindku informa li fir-rigward tal-bandli inklussiv, proġettat għaż-żona tal-Papa, baqa' biss il-finanzjament tiegħu.

3.1.2. Is-Sur Bernard Farrrugia staqsa fuq il-progress tal-Proġett tal-Funtani ta' Ġnien l-Indipendenza.

3.1.2.1. Is-Sindku JC informa li l-proġett ġie mibdul f'disinn iktar sempliċi, b'inqas manutenzjoni, u bħafna inqas spejjeż. Dan ser isir fix-xhur li ġejjin mill-fondi UIF.

3.1.3. Is-Sur Bernard Farrugia li f'isem l-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa, ppropona li l-Kunsill jaħseb fi proġett maħsub għar-rigenerazzjoni ta Birżebbuġa, kif imħabbra mill-Gvern Ċentrali.

3.1.3.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill diġa qiegħed japperteċipa f'dan il-Proġett. Huwa semma eżempju fejn qed jiġi propost mużew żgħir fiż-żona ta' fejn il-Monument ta' Tmiem il-Gwerra Bierda, sabiex jinkludi mudelli ta bastiment, u affarijiet oħra ta storja.

3.1.4. Is-Sur Kevin Barun staqsa dwar il-proġett u pjanti li kienu saru mill-Kunsill bi spejjeż ta eluf ta ewro, għal Misraħ is-Summit.

3.1.4.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill qed jipproponi riġenerazzjoni sħiħa għal dik iż-żona.

## 4 Estimi Finanzjarji 2017.

4.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2017.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport li jelenka l-punti saljenti tal-estimi finanzjarji. (Anness Dok B)

## 5 Interventi Mill-Pubbliku;

5.1. Is-Sindku talab għal kummenti tal-pubbliku fuq ir-rapport ppreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv, iżda ma kien hemm interventi.

**Il-Kunsillier SZ talab sospensjoni tal-aġenda, u ppropona minuta silenzju f'ġieħ dawk ir-residenti li ħallew din id-dinja matul din is-sena, partikolarment il-mama tal-Viċi Sindku.**

**Il-Viċi Sindku JB, f'isem il-familja tiegħu, irringrazzja tal-ħsieb u tas-solidarjeta' murija.**

## 6 Għeluq tal-laqgħa

6.1. Is-Sindku rringrazzja lill-membri tal-pubbliku preżenti talli għoġobhom jattendu u jipparteċipaw.

6.2. Il-laqgħa intemmet fis-5.30am ta filgħaxija.

Konfermati, illum 16 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Cutajar | Svetlick Flores |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Il-Ħidma tal-Kunsill**

Is-Sena 2016, Il-Kupnsill kompla isegwi l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ma jagħmilx proġetti kapitali, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li affaċċja.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ikompli jirregola l-ispiża rikorrenti tal-Kunsill, kif ukoll ukoll iżid id-dħul tiegħu. Tali miżuri, sarrfu fil-pożittiv ferm, tant li l-Kunsill kompla jagħmel profitt f'kull kwart tas-sena. Ta min isemmi li l-Kunsill beda s-sena kalendarja b'indikatur tal-qagħda finanzjarja ta' -3.00%, u huwa stmat li ser jagħlaq is-sena bl'indikatar ikun -1.3%. Il-Kunsill qed jipproġetta li jaghlaq is-sena 2017 b'indikatur tal-qagħda finanzjarju pożittiv.

Madankollu, il-Kunsill xorta ma qatax qalbu u kompla ra kif għamel sabiex isib alternattivi oħra. Beda billi ħadem sabiex jingħalqu żewġ proġetti iffinanzjati minn Awtoritajiet / dipartimenti oħra. Fis-sajf 2016 ġie inawgurat ic-cirkwit turistiku, b'valur ta ftit inqas minn €12,000, iffinanzjat mill-Awtorità ta-Turiżmu u bl-għajnuna wkoll tal-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa. Dan kien jinkludi pannelli informattivi dwar siti storici fil-lokalita, fuljett informattiv dwar il-lokalita' b'żewġ lingwi, (Ingliż u Taljan), u website ġdida tal-Kunsill. F'Novembru ġie konkluż ukoll il-proġett ta tħaddir urban fil-lokalita', fejn inzeraw numru ta sigar u pjanti madwar il-lokalita kollha, b'valur komplessiv ta €30,000. Bl-ghajnuna tal-Enemalta, saru ukoll id-dawl tat-triq fi Triq Ferretti.

Tkomplew u bdew ukull diskussjonijiet oħra separati sabiex jiġu iffinanzjati proġetti kbar oħra, liema diskussjonijiet illum jinsagħbu fi stadju avvanzat, li fost l-oħrajn jinkludi proġett għal bandli inklussiv, skatepark, u u rigenerazzjoni ġenerali ta Birżebbuġa.

Il-Kunsill kien attiv ukoll fil-qasam soċjali u Kulturali. Ħa ħsieb li ta kull xahar jiġi organizzati ħarġiet kulturali għar-residenti. Bi pjaċir nistaw ngħidu li din is-sena, wara li ġie innutat żieda fl-interess, il-medja ta dawn l-attivitajiet żdiedet għal tnejn fix-xahar, fejn saru diversi ġiti f'postijiet imxerrdin ma' Malta kif ukoll f'Għawdex. Minbarra dan, ġew imfakkra avvenimenti soċjali importanti bħal Jum l-Anzjan, Jum l-Omm u Jum il-Missier.

Il-Kunsill żamm ukoll l-attività annwali ta skala kbira "Inġeddu Tfulitna", kif ukoll l-attivita' annwali, li kull sena qed tikber, "Joys of Gospel". Din is-sena il-Kunsill żied l-isforzi tiegħu u tella attività oħra ta' skala kbira, "Espressjonijiet Maltin", ġewwa l-Qajjenza, attivita marbuta ma diversi tradizzjonijiet Maltin, fostom l-għana. Ittellaw ukoll numru ta fieri żgħar matul is-sajf intenzjonati għal familja. Matul numru ta tmiem il-ġimgħa, itellaw diversi programmi oħra taħt il-kunċett ta "Promenart", fejn diversi artisiti lokali taw pjaċir lil-pubbliku permezz tal-kapacitajiet tagħhom. Il-Kunsill reġa' kien involut ukoll f'numru ta' attivitajiet sportivi u edukattivi. Ta min jgħdi li dan l-attivitajiet, li tqassmu matul is-sajf kollu, ġew iffinanzjati kompletament permezz ta' fondi miksuba apposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sponsorships u donazzjonijiet li inġabru proprju għal dan il-għan.

Din is-sena, il-Kunsill reġa tella wkoll l-attivita' Jum Birzebbuġa. Din saret f'Settembru, u kinet tinkludi quddiesa ta ringrazzjament ġewwa l-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen , u wara saret parata permezz tal-iscouts, sal-iskola Primarja ta' Birżebbuġa. Hemm ġie imtella attivita ta' kommemorazzjoni fejn apparti spettaklu ta fq il-palk, ingħataw diversi rikonoxximenti lil residenti li iddistingwew ruħhom matul is-sena. Matul din l-attivita' il-Premju Ġieħ Birżebbuġa ingħata lil ex-Sindku Joseph Farrugia, magħruf bħala r-Ricky.

Kontinwament il-Kunsill kompla ħa ħsieb li l-lokalita tkun fl-aħjar stat. Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tiegħu tiġi iddedikata sabiex jingħataw is-servizzi minn diversi kuntratturi privati, bħal dak ta ġbir ta skart domestiku, ġbir ta skart goff, servizz ta' knis u tindif taz-zoni urbani, u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Sabiex ninvestu iktar fl-aspett ta indafa u tisbieħ ġenerali, il-Kunsill assenja ukoll numru ta ħaddiema minn diversi skemi għal dan ix-xogħol. Dawn il-ħaddiema iwettqu xogħol relatat ma tindif ta żoni mhux urbani li jinsagħbu fil-konfini tal-lokalita'

Fl-istess waqt isir tindif u manutenzjoni kontinwa fuq l-assi kollha tal-kunsill. Dawn jinkludi manutenzjoni fuq l-għamara tat-triq, ta' propjetajiet u ta' ġonna pubbliċi, u kull tip ta għamara oħra, sabiex il-lokalita tkun dejjem fl-aħjar stat. Dan isir, fil-maġġior parti, mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, b'hekk jinżamm iktar kontroll fuq l-ispejjeż tal-manutenzjoni. Sar ukoll eżerċizzju ta *patching* f'diversi toroq fil-lokalita'

Dan kollu kien intenzjonat sabiex ir-resident jighata trattament ahjar, u jkun kburi jgħid li huwa joqgħod f'Birżebbuġa.

## Estimi Finanzjarji

**DĦUL**

Bhala dhul, apparti l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali ta' madward €708,000. Il-Kunsill qed ibassar li jdaħħal €36,000 minn skemi governattivi. Il-Kunsill qed jippjana wkoll li jdaħħal total ta’ €44,000 mill-hlas amministrattiv fuq infurzar lokali, permessi, sponsors, bye-laws, u dhulijiet ohra.

**INFIQ**

**EMOLUMENTI PERSONALI (SALARJI)**
Zieda fl-infiq ta’ dan il-vot qed tiġi imbassra minhabba zidiet fil-pagi kemm tal-għoli tal-ħajja, kif ukoll tal-increments. Total allokat ghas-salarji huwa ta ftit inqas minn €132,000

M**ANUTENZJONI U OPERATTIVI**
Il-Kunsill behsiebu ikompli jahdem iktar bil-ghaqal f’dan ir-rigward. Din is-sena, il-Kunsill qed jalloka is-somma ta €388,000 sabiex ikopru il-manutenzjoni, l-ispejjez necessarji sabiex izzomm il-lokalita fi stat tajjeb, spejjez ta kuntratti, u spejjez tal-ufficju.

**INFIQ KAPITALI**
Il-Kunsill lokali qied ta]t id-direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex jeserġita biss il-funzjonijiet bażiċi tiegħu, u ma jwettaqx progetti kapitali, u dan sakemm titranga il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

Minħabba dan, il-Kunsill qed jalloka biss is-somma ta €90,000, li huma relatia ma ħlas taħt l-iskema ta PPP, dvuti fuq proġett li sar fil-passat.

Madankollu ta min jinnota li l-Kunsill qed jaħdem bi sħiħ sabiex isiru proġetti fil-lokalita, minn Entitajiet / Awtoritajiet oħra.

YEAR **2017** DRAFT

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| | | a | b | c | c-a | c-b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ACCT NO.** | **DESCRIPTION** | **BUDGET 2016 Euros** | **FORECAST 2016 Euros** | **BUDGET 2017 Euros** | **VAR BUD-BUD Euros** | **VAR BUD-FOR Euros** |
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 669,000 | 668,848 | 708,000 | 39,000 | 39,152 |
| 0002 | Supplementary | 0 | | 0 | 0 | 0 |
| 0003 | Special needs | 0 | | 0 | 0 | 0 |
| 0004 | Public/government delegations | 0 | | 0 | 0 | 0 |
| 0015 | Other (e-Government) | 73,800 | 67,590 | 36,235 | -37,565 | -31,355 |
| | | **742,800** | **736,438** | **744,235** | **1,435** | **7,797** |
| 0020 | Bye-Laws (Permits | 15,000.0 | 20,400 | 22,000 | | |
| 0021 | Community Services (Adm Fees) | | | 0 | 0 | 0 |
| 0021 | Cultural Activites | | 876.2 | 850 | | |
| 0036 | Contravention of bye-laws | | 1,900.0 | 1,500 | 1,500 | -400 |
| 0040 | Adminsitration Fees | 7,000 | 7,000.0 | 7,000 | 0 | 0 |
| 0056 | Sponsorships | 5,000 | 13,000.0 | 10,000 | 5,000 | -3,000 |
| 0066 | General contributions | 8,740 | 145.0 | 100 | -8,640 | -45 |
| 0067 | Document/Information Charges | 50 | 50.0 | 0 | -50 | -50 |
| 0068 | Media Charges | 400 | 400.0 | 400 | 0 | 0 |
| 0069 | Contractors' Guarantees | | | 0 | 0 | 0 |
| 0070 | Fees Tender Documents | 2,350 | 0.0 | 0 | | |
| 0072 | Income from advertising | | | | 0 | 0 |
| 0073 | Facilities | | 1,271.0 | 1,000 | 1,000 | -271 |
| | | **38,540** | **45,042** | **42,850** | **-1,190** | **-3,766** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 300 | 150.00 | 150.00 | -150 | 0 |
| 0094 | Release of Bank Guarantees | | 0.00 | 0.00 | 0 | 0 |
| 0096 | Government securities | 0 | 0.00 | 0.00 | 0 | 0 |
| | | **300** | **150** | **150** | **-150** | **0** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | 2,800 | 1,500 | 1,500 | -1,300 |
| 0120 | Contributions | | 0 | | 0 | 0 |
| 0121 | EU Funds | | | | 0 | 0 |
| | | **0** | **2,800** | **1,500** | **1,500** | **-1,300** |
| | **TOTAL** | **781,640** | **784,430** | **788,735** | **1,595** | **2,731** |

## 2.2 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2,016 Euros | b<br>FORECAST 2,016 Euros | c<br>BUDGET 2,017 Euros | c-a<br>VAR BUD-BUD Euros | c-b<br>VAR BUD-FOR Euros |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| **1000** | **Personal Emoluments** | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 10,800 | 10,800 | 11,340 | 540 | 540 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 86,892 | 87,341 | 91,708 | 4,816 | 4,367 |
| 1300 | Bonuses | 7,366 | 6,187 | 6,893 | -473 | 706 |
| 1400 | Income supplements (Govt) | 1,030 | 1,005 | 1,212 | 182 | 207 |
| 1500 | Social Security contributions | 8,060 | 8,169 | 8,578 | 518 | 408 |
| 1600 | Councillors Allowances | 8,800 | 8,800 | 8,800 | 0 | 0 |
| 1700 | Overtime & Qual Allowance | 3,800 | 3,099 | 3,200 | -600 | 101 |
| | | **126,748** | **125,401** | **131,731** | **4,983** | **6,329** |
| **2000** | **Operations and maintenance** | | | | | |
| 2100 | Utilities | 9,300 | 8,460 | 8,460 | -840 | 0 |
| 2200 | Materials and supplies | 10,250 | 5,256 | 5,256 | -4,994 | 0 |
| 2300 | Repair and upkeep | 32,300 | 37,458 | 37,458 | 5,158 | 0 |
| 2400 | Rent | 4,648 | 4,648 | 4,648 | 0 | 0 |
| 2500 | National/International memberships | 500 | 0 | 500 | 0 | 500 |
| 2600 | Office services | 9,900 | 11,084 | 10,500 | 600 | -584 |
| 2700 | Transport | 6,300 | 7,500 | 9,800 | 3,500 | 2,300 |
| 2800 | Travel | 3,000 | 0 | 0 | -3,000 | 0 |
| 2900 | Information services | 8,200 | 2,464 | 4,900 | -3,300 | 2,436 |
| | | | | | 0 | 0 |
| **3000** | **Contractual services** | 269,903 | 258,839 | 272,489 | 2,586 | 13,650 |
| 3100 | Professional services | 9,685 | 15,620 | 8,900 | -785 | -6,720 |
| 3200 | Training | 1,000 | 90 | 400 | -600 | 310 |
| 3300 | Community & hospitality | 27,240 | 22,004 | 23,900 | -3,340 | 1,896 |
| 3400 | Other Expenses | 500 | 485 | 500 | | |
| 3500 | Asset Disposal Account | | | | | |
| 3610 | Les Related Expenses | 500 | 356 | 500 | 500 | 144 |
| | | **393,226** | **374,264** | **388,212** | **-52,939** | **11,717** |

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2,016 Euros | FORECAST 2,016 Euros | BUDGET 2,017 Euros | VAR BUD-BUD Euros | VAR BUD-FOR Euros |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **7000** | **Capital Expenditure** | | | | | |
| 7001 | Acquisition of Property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | 0 | 0 |
| 7101 | Computer Equipment | 2,000 | 1,438 | 600 | -1,400 | -838 |
| 7102 | Computer Software | 3,500 | 1,302 | | | |
| 7210 | Office Furniture and Fittings | 4,000 | 2,452 | 0 | -4,000 | -2,452 |
| 7200 | Urban Improvements | 28,200 | 9,202 | 0 | | |
| 7300 | Equipment | | | | 0 | 0 |
| 7310 | Office Equipment | 3,500 | 2,441 | 0 | -3,500 | -2,441 |
| 7315 | Trees | 30,000 | 22,500 | | -30,000 | -22,500 |
| 7320 | Plant and Machinary | 500 | 0 | 500 | 0 | 500 |
| 7330 | Motor Vehicles | 0 | 300 | | 0 | -300 |
| 7340 | Street Furniture and Fittings | 2,000 | 1,240 | 2,000 | | |
| 7500 | Special programmes | 85,000 | 85,601 | 85,601 | 0 | 0 |
| | | **158,700** | **135,678** | **93,451** | **-34,150** | **-32,483** |
| | **TOTAL** | **678,674** | **635,344** | **613,394** | **-82,106** | **-14,437** |

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| | | a | b | c | c-a | c-b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ACCT NO.** | **DESCRIPTION** | **BUDGET 2016 Euros** | **FORECAST 2016 Euros** | **BUDGET 2017 Euros** | **VAR BUD-BUD Euros** | **VAR BUD-FOR Euros** |
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 742,800 | 736,438 | 744,235 | 1,435 | 7,797 |
| 0020 | Bye-laws | 38,540 | 45,042 | 42,850 | 4,310 | -2,192 |
| 0090 | Investment | 300 | 150 | 150 | -150 | 0 |
| 0100 | General | 0 | 2,800 | 1,500 | 1,500 | -1,300 |
| | **TOTAL** | **781,640** | **784,430** | **788,735** | **7,095** | **4,305** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 126,748 | 125,401 | 131,731 | 4,983 | 6,329 |
| 2000 | Operations and maintenance | 393,226 | 374,264 | 388,212 | -52,939 | 11,717 |
| 7000 | Capital Expenditure | 158,700 | 135,678 | 93,451 | -65,249 | -42,227 |
| | **TOTAL** | **678,674** | **635,344** | **613,394** | **-65,280** | **-21,950** |
| | **Balance** | **102,966** | **149,087** | **175,341** | **72,375** | **26,255** |

**YEAR** **2016** Euros Version

| Acct. No. / Project No. | Capital Expenditure / Project Description | CARRY OVER ACCNT Euros | CARRY OVER PROJECT Euros | 2016 ACCNT Euros | 2016 PROJECT Euros | 2016 ACCNT TOTAL Euros |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **7000** | **Capital Expenditure** | | | | | |
| **7001** | **Acquisition of Property** | | | | | |
| **7100** | **Construction** | | | | | |
| **7101** | **Computer Equipment** | | | | | |
| **7102** | **Computer Software** | | | | | |
| **7210** | **Office Furniture and Fittings** | | | | | |
| **7220** | **Street Paving** | | | | | |
| **7230** | **New Street Signs** | | | | | |
| **7240** | **Urban Improvements** | | | | | 4,750.00 |
| | UIF Fountain | | 2,500.00 | | | |
| | Regjun Disabled Scheme | | | | 2,250.00 | |
| **7300** | **Equipment** | | | | | |
| **7310** | **Office Equipment** | | | | | 600.00 |
| | New Printer | | | | 500.00 | |
| | Access Point For Upstairs | | | | 100.00 | |
| **7315** | **Trees** | | | | | |
| **7320** | **Plant and Machinary** | | | | | 500.00 |
| | Others | | | | 500.00 | |
| **7330** | **Motor Vehicles** | | | | | |
| **7340** | **Street Furniture and Fittings** | | | | | 2,000.00 |
| | Others | | | | 2,000.00 | |
| **7500** | **Special programmes** | | | | | 85,601.00 |
| | PPP PAYMENT | | 85,601.00 | | | |
| | | | | | | **93,451** |